MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2185/2002

**L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**Tancred Borg**

It-Tribunal

Ra l-avviz li jghid;

Billi fis-7 ta’ Jannar 1998 l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, gia Awtorita’ ta’ l-Ippjanar, harget Avviz biex Tieqaf u ta’ twettiq numru ECF/33/98/ENMU/NENF, kopja hawn anessa u mmarkata bhala Dok IJS1, f’isem il-konvenut.

Peress illi l-istess Awtorita’ attrici, in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta’ l-Att numru 1 ta’ l-1992, kif sussegwentement emendat permezz ta’ l-Att numru XXI ta’ l-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji biex ix-

xogholijiet indikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq, jitwettqu, stante li l-istess konvenut ma kienx ottempera ruhu ma dak li ntalab minnu fl-istess Avviz.

Peress illi biex taghmel dan, l-istess Awtorita' attrici dahlet fi spejjez li jammontaw ghal disa' mija u disgha u tletin liri Maltin u sebgha u tmenin centezmu (LM939.87), u dan kif jidher mill-annessa *Invoice no. 1574* datata 26 ta' Settembru 2000 markata bhala Dok. IJS2.

U billi l-istess konvenut gie interpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal m'ghandhux:

Jikkundannah ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' disa' mija u disgha u tletin lira maltin u sebgha u tmenin centezmu (LM939.87) dovuti kif fuq spjegat, bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002.

Ra n-nota kongjuntiva prezentata fid-19 ta' Novembru, 2002, b' liema nota l-partijiet ittransigew il-kawza billi, fil-waqt li l-attur irriduca t-talba tieghu ghas-somma ta' (Lm850) tmien mija u hamsin Lira Maltin, dina giet ammessa mill-konvenut, b' dan li jkun hemm dilazzjoni tat-terminu tal-pagament, u jkun hemm sentenza f' dan is-sens.

It-Tribunal ghalhekk jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' (Lm850) tmien mija u hamsin Lira Maltin, jikkundanna lil konvenut ihallas l-istess somma bil-mod kif miftehma cioe' bir-rati mensili ta' (Lm100) mitt Lira Maltin l-ewwel pagament issir fil-15 ta' Jannar, 2003 sa Awissu, 2003 l-ahhar pagament ikun ta' (Lm50) hamsin Lira Maltin, bil-kap tal-ispejjes jibqa bla taxxa bejn il-partijiet.

AVV. JOSEPH P. BONNICI LL.D.
Gudikatur